**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.**

**SEDUTA tas-27 ta' April, 2001.**

**Citazzjoni numru 540/01GC**

**Karta Converters Limited**
**VS.**
**Super Master Limited**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-

Illi is-socjeta konvenuta hija debitrici versu is-socjeta attrici fis-somma ta' sebat elef, sitt mija u tlieta u hamsin lira Maltin u seba' u tmenin centezmu (Lm7653.87), import ta' merkanzija konsistenti fi prodotti tal-karta konsenjata lis-socjeta konvenuta mis-socjeta attrici, izda mhux imhallsa, kif jidher mill-fattura hawn annessa u mmarkata Dok "A:;

Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u esigibbli u fil-fehma tas-socjeta attrici, dik konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet validi x'topponi kontra it-talbiet attrici;

Illi is-socjeta konvenuta giet interpellata divrsi drabi biex thallas, izda baqghet inadempjenti; u

Talbet ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi u dispensat mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu

167 et seq tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, m'ghandiex din l-Qorti:-

1. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' seba t'elef, sitt mija u tlieta u hamsin lira Maltin u seba u tmenin centezmu (Lm7653.87) import ta' merkanzija konsistenti fi prodotti tal-karta kkonsenjata lis-socjeta konvenuta izda mhux imhallsa kif jidher mill-fattura hawn annessa u mmarkata Dok. "A";

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-mandat ta' qbid ipprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-konsenja tal-merkanzija sad-data tal-pagament effettiv kontra is-socjeta konvenuta li ir-rapprezentanti taghha fi proceduri gudizzjarji gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta attrici u id-dokumenti l-ohra;

Rat li is-socjeta konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u fis-seduta tallum imsejjha tlett darbiet lanqas ma deheret;

Peress li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u jidher wkoll li hemm lok li is-sentenza tinghata illum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa' it-talbiet tas-socjeta attrici kif dedotti fic-citazzjoni, bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.

Imhallef

Deputat Registratur